A.L. 304 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) – u ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T. – taħt il-patroċinju tal-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) – u ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T. – taħt il-patroċinju tal-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) – u ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T. – taħt il-patroċinju tal-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology, ippubblikati bħala Avviż Legali 187 ta' l-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 2006 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 ta' l-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 4(1)(b)(iv)(d) ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(d) MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) in Computing;

jew"

4. L-ordinamenti li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-ordinament 4(1)(b)(iv)(d) ta' l-ordinamenti prinċipali:

"(e) xi kwalifika oħra minn istituzzjoni rikonoxxuta kkunsidrata mill-Bord ta' l-Istudji bħala ekwivalenti għal xi waħda minn (a), (b), (ċ) jew (d).

jew

(ċ) l-MCAST-BTEC Higher National Diploma in Computing b'distinzjoni jistgħu jidħlu fit-tieni sena tal-Kors, taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord ta' l-Istudji jista' jimponi, sakemm huma jkunu għaddew fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata bi Grad C jew aħjar fil-Matematika Pura."